## 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 38

IL-ĦAMIS 30 TA' LULJU 2015 FIS-2.00 TA' WARA NOFSINHAR

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## SKUZAT

| | |
|---|---|
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1. Skeda ta' Pagamenti tal-kontijiet.

Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni. L-iskeda ġiet approvata u iffirmata.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Dwar punt f'paġna 6, T Castelletti, qal li din il-minuta għanda tinkiteb: 'Issuġerixxa li minflok jitneħħa il-ħamrija, jiġi mtarraġ il-ħamrija u b'hekk ma taqax ħamrija fit-triq'. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku issuġerixxa li xi ħadd mill-Kunsilliera jiġi responsabbli ta' dan ix-xogħol, u jfihem lil ħaddiema kif għandu isir ix-xogħol.

Dwar punt f'paġna 5, G Muscat, qal li din il-minuta għanda tinkiteb: 'Qal sabiex iż-żewġ *disabled bays* li hemm fejn ic-*charging station*, waħda minnhom titmexxa fejn *pontoon* viċin *yaucht* ta' persuna b'diżabilta'.

## 3. Tenders

**Construction of Pavements and Patching**

Fuq numru ta' mistoqsijiet tal-Kunsilliera, fosthom rigward kif għanda issir l-għażla skond il-*procurement regulations*, is-Segretarju spjega li l-għażla, anke fuq il-parir tal-avukat kif mibgħut f'e-mail lill-Kunsill, hi li għanda tintgħażel l-irħas offerta li hi skond l-*ispecifications* tat-tender.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa saqsa bil-miktub lill-avukat dwar dan, u il-parir tal-avukat huwa preċiżament hekk.
Is-Sindku iżda preżenta rapport tal-Perit tal-Kunsill. Parti mir-rapport tgħid illi:

*"From adjudication of tenders submitted by both contractors it is evident that the difference in rates is considerable. This is of great concern as either the tenderers have not understood the items' description and specifications, or works installed will be inferior to specifications listed in the BoQ.*

*Nonetheless, it is the opinion of the undersigned that rates lower than the local framework agreement rates may lead to inferior quality on site and undesirable workmanship which the undersigned, if responsible of implemented works will definitely not accept."*

Il-Kunsill, wara diskussjoni, ikkonkluda li r-rati tal-kumpanija Lk Ltd. ma humiex rejalistiċi. Il-Kunsill għaldaqstant qabel li jgħażel l-offerta tal-kumpanija 'Deluxe Co. Ltd.'.

T Castelletti għamel rimarka li qed jivvota favur, dan sakemm il-Kunsill qiegħed jimxi mal-*Procurement Regulations.*

## 4. Urban Greening Project

Il-Kunsill fetaħ it-tenders.
Ġie innotat li kien hemm żewġ offerenti.

Il-Kunsill ser jiltaqa f'laqgħa separata sabiex jifli fid-dettall dawn it-tenders, u japprova fil-laqgħa li jmiss

## 5. Relazzjonijiet Internazzjonali

T Castelletti qal li wara li tkellem mas-Sindku, huwa mhux ser jattendi għal mawra f'Ruma minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Is-Sindku qal li l-mawra għal Rocca Santo Stefano stiednu ukoll l-ambaxxata Taljana f'Malta.

Is-Sindku semma min ser ikun il-grupp li tiela għal din il-vizita.

Is-Sindku qal li l-laqgħa internazzjoni li jmiss issa hija dik tal-ECAD f'Ottubru.

Is-Sindku għandu jgħaddi informazzjoni lis-Segretarju biex japlika.

## 6. Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku qara e-mail mill-*Creek Development*s dwar il-*mobile toilets*, fejn qegħdin jistqarru li ma humiex ser ikomplu jħallsu għad-dawl u ilma ta' din il-latrina min Settembru 2015.
Is-Sindku qal l-kwistjonijiet ta' indafa ġew *tackled* mill-kuntrattur diġa.
Il-Kunsill gerger dwar il-ħasil ta' skips li għamlu tal-*Creek Developments* il-marina, meta ħaslu l-iskips u tefaw l-ilma maħmug fil-bahar.
Il-Kunsill qabel li niktbu ittra lill-yaucht club biex dan ma jerġax isir.

## 7. Rapporti mill-Kunsilliera

### T Castelletti

- Qal li l-bieraħ filgħodu il-pjanti ġodda tad-D's inqalaw, u ġew *replenished*. Is-Sindku qal li sar eżerċizzju biex ibaxxu il-ħamrija, biex b'hekk ma toqodx taqa ħamrija fuq il-madum meta issir it-tisqija.
- Saqsa għandniex kopji tal-pjanti tal-*pontoons* ġodda li qed isiru. Is-Sindku qal li kellna għax kien preżenthom waqt laqgħa tal-Kunsill.
- Id-dwal tal-funtana u l-funtana innifisa kollha qed imorru kull darba li jinqata id-dawl. Għandna niktbu lill-Enemalta dwar dan u ħa nfittxuhom għall-ispejjes jekk din il-kwistjoni tippersisti.
- Ma qabilx mal-mod kif twaħħlu il-*posters* ta' Festa Rizzi. Għandna nkunu nafu fejn jeħlu, biex umbgħad naqilawhom.
- Is-Sibt li għadda qala tgħajjira f'isem il-Kunsill, għax użajna is-sala tal-Paroċċa, u wara ma tnadfitx, u dan avolja konna wegħdnihom li ħa titnaddaf.

F Roe qal li mhux vera għax tnaddfet.

G Muscat qal li hu stess għalaq u ma kienx hemm ħmieġ meta telqu. Is-Sindku qal li kollha kemm aħna konna hemm, u ħadd ma induna b'xi ħmieġ kif msemmi. Is-Sindku qal stajna nqasna għax hallejna l-gallettini hemm. Imma fis-sala tas-cinema ma kienx għad fadal ħmieg żgur.

**G Muscat** – Qal wasalx iż-żmien li niprovaw nsibu soluzzjoni għal-latrina publika permanenti il-Marina. Propona possibilta li nħaffru ġor-rampa min isfel u nibnu latrina hemm. Huwa ra latrina simili hekk ġewwa Bormla. T Castelletti qal li nistgħu ukoll nitolbu divoluzzjoni ta' xi garaxx hemm.
G Muscat qal li l-liġi trid tiġi osservata dwar il-kiosks. Missna nirrapurtaw lil Pulizija.

**F Roe** – Saqsa min ġie gruppi ta' kantanti Maltin waqt Connecting Through Culture.  T Castelletti qal li bgħatu lista ta' min huma dawn il-kantanti. Is-Sindku wera it-tħassib tiegħu kemm vera l-artisti li intbgħatu mill-Malta Arts Council huma tal-valur ta' Eur1500. T Castelletti ma qabilx mal-kumment tas-Sindku.

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 8.00pm

Max Zammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv